MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2011

Numru. 332/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnanud)**

**vs**

**Renald Debono**

Kumpilazzjoni Nru: 332/2011

Illum, 20 ta' Gunju 2011

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Renald Debono, ta' 31 sena, iben Francis u Emanuela nee Grech imwieled Pieta nhar it-8 ta' Jannar 1980 residenti 3 Kortina San Nikola Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 53380M

Akkuzat talli bejn Frar u Mejju 2010, xjentement xtara jew laqa’ ghandu oggetti u cioe vettura ta’ l-ghamla Mitsubishi Pajero bin-numru ta’ registrazzjoni LAF 709 li l-valur taghha huwa izjed minn €2,329.37, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, u dan bi ksur ta’l-artiklu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli bejn Awissu 2005 u Mejju 2010, xjentement xtara jew laqa’ ghandu oggetti u cioe bicca part ta’ vettura ta’ l-ghamla BMW 320CD Cabrio bin-numru ta’ chassis WBABS72080PR55755 li l-valur taghha huwa izjed minn €232.94 izda inqas minn €2,329.37, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, u dan bi ksur ta’l-artiklu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar satdju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali ta’l-imputat li hija kwazi netta u li l-oggetti mertu ta’ dawn il-proceduri gew irkuprati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------